32006D0703

DECIZJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Ottubru 2006

li taħtar membri Daniżi għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2006/703/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 259 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 167 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-mandat tal-membri Daniżi tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew skada fl-20 ta' Settembru 2006 [1]. Għalhekk, jaqbel li jiġu maħtura membri Daniżi għal dan il-Kumitat għal perijodu ġdid ta' erba' snin li jibda mill-21 ta' Settembru 2006.

(2) Fil-11 ta' Lulju 2006, il-Kunsill adotta l-listi ppreżentati mill-gvern Ċek, Ġermaniż, Estonjan, Spanjol, Franċiż, Latvjan, Litwan, Lussemburgiż, Ungeriż, Malti, Awstrijakk, Sloven u Slovakk kif ukoll il-lista ta' tnejn u għoxrin kandidat ippreżentata mill-Gvern Taljan [2].

(3) Fil-15 ta' Settmebru 2006, il-Kunsill adotta l-listi ppreżentati mill-gvern Belġjan, Grieg, Irlandiż, Ċiprijott, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Finlandiż, Svediż u tar-Renju Unit kif ukoll il-lista ta' tnejn u għoxrin kandidat preżentata mill-Gvern Taljan [3].

(4) Fit-2 ta' Ottubru 2006, il-Gvern Daniż ippreżenta lista li tinkludi numru ta' kandidati skond il-postijiet li ġew attribwiti lilu mit-Trattati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-persuni li isimhom jidher fil-lista annessa għal din id-Deċiżjoni huma maħtura membri tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, għall-perijodu mill-21 ta' Settembru 2006 sal-20 ta' Settembru 2010.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-21 ta' Settembru 2006.

Magħmul fi Brussel, 16 ta' Ottubru 2006.

Mill-Kunsill
Il-President
E. TUOMIOJA

[1] ĠU L 253, 21.9.2002, p. 9.
[2] ĠU L 207, 28.7.2006, p. 30.
[3] ĠU L 269, 28.9.2006, p. 13.

ANNESS

Id-Danimarka

Is-Sinjura Dorthe ANDERSEN
Chefkonsulent, DA

Is-Sur Henrik FALLESEN
Leder af DI's Bruxelles kontor

Is-Sinjura Benedicte FEDERSPIEL
Chefkonsulent, Forbrugerrådet

Is-Sur Peder Munch HANSEN
International konsulent, LO

Is-Sinjura Randi IVERSEN
Forkvinde, Kvinderådet

Is-Sur Søren KARGAARD
International konsulent, FTF

Is-Sinjura Marie-Louise KNUPPERT
LO sekretær

Is-Sur Poul LÜNEBORG
Konsulent, DSI

Is-Sur Leif Erland NIELSEN
Seniorkonsulent, Landbrugsrådet